*19 ta' Settembru 2013*
103/2013

# IL-KWADRU TAL-MADONNA TA' POMPEI F'MALTA

**Data: Is-Sibt 21 ta' Settembru 2013**

Post: Fis-sala tad-Dar Parrokkjali, Marsaxlokk

**Ħin: 2p.m.**

Nhar is-Sibt 21 ta' Settembru ser jasal Malta l-kwadru tal-Madonna ta' Pompei, biex tinżamm Missjoni Marjana bejn it-22 u d-29 ta' Settembru. Din ser tkun immexxija minn saċerdoti Taljani mis-Santwarju f'Pompei, l-Italja, li ser jiġu Malta għal din l-okkażjoni.

Il-parroċċa ta' Marsaxlokk, li qed torganizza din iċ-ċelebrazzjoni, qed tistieden lill-media għall-konferenza tal-aħbarijiet nhar is-Sibt li ġej fis-2p.m. Dakinhar il-kwadru tal-Madonna ser ikun espost u ser jingħataw dettalji tal-attivitajiet li ser isiru f'Malta u Għawdex. Dawn jinkludu Quddiesa mmexxija mill-Isqof Mario Grech fis-Santwarju ta' Pinu, żjarat f'diversi parroċċi nkluż fir-residenza San Vinċenz de Paule, purċissjoni fil-Belt Valletta, pellegrinaġġ ġewwa Marsaxlokk, Quddiesa bil-preżentazzjoni tat-trabi mmexxija min-Nunzju Appostoliku, Mons. Aldo Cavalli, u Quddiesa f' għeluq il-Missjoni Marjana mmexxija mill-Isqof Awżiljarju, Mons. Charles J. Scicluna.

Il-kwadru tal-Madonna ta' Pompei ġie nkurunat mill-Papa Pawlu VI fil-Bażilika ta' San Pietru, l-Vatikan, fit-23 ta' April 1965. Fis-sena 2002, il-kwadru reġa ttieħed fi Pjazza San Pietru fuq talba tal-Beatu Ġwanni Pawlu II. Fis-16 ta' Ottubru ta' l-istess sena, quddiem din ix-xbieha, il-Papa Ġwanni Pawlu II ffirma l-Ittra Appostolika dwar ir-rużarju "Rosarium Virginis Mariae".

Ta' kull sena, fit-13 ta' Novembru, fis-Santwarju ta' Pompei, dan il-kwadru jitniżżel minn postu biex il-pellegrini jagħtuh qima billi jbusu din ix-xbieha qaddisa ta' Marija. Saret wkoll kopja awtentika ta' dan il-kwadru li ddur ħafna bliet fl-Italja u ħafna pajjiżi madwar id-dinja. Huma ħafna dawk li qalgħu grazzji kbar meta talbu b'qalb miftuħa għar-rieda ta' Alla, quddiem din ix-xbieha ta' Marija.